MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 302/2013

**J.N.M. MICCALLEF (Ta' Karla) Kimited [C-5004]**

**vs**

**John BONAVIA
[ID. Nru. 93285M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-17 ta' Mejju, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn erbgha u sittin euro u erba' ċenteżmi ta' euro [€2,064.04c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attriċi qed titlob lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u erbgha u sittin ewro u erbgha ċenteżmi (€2064.04) rappreżentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez inklużi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja datata 1 ta’ April, 2013 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fl-24 ta’ Mejju, 2013 ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Gunju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Gunju, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elfejn erbgha u sittin euro u erba’ ċenteżmi ta’ euro [€2,064.04c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------